MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 764/2005

**Veronica Busuttil karta ta' identita' numru 279368M**

**Vs**

**Kunsill Lokali tas-Sliema**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attrici talbet li l-Kunsill konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' disghin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm90.55c) rapprezentanti danni minnha subiti meta kisret riglejha waqt li kienet hierga mill-vettura taghha fi Triq San Nikola, Sliema u dan fil-5 ta' Gunju, 2004.
Ra r-Risposta tal-Kunsill Lokali tas-Sliema li biha wiegeb li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi mhux minnu

li l-attrici sofriet xi ksur u danni kif allegat u inoltre, bla pregudizzju ghas-suespost l-incident sehh minhabba nuqqas ta' attenzjoni, anzi traskuragni ta' l-istess attrici.

Sema' x-xhieda ta' Veronica Busuttil u ta' huha Ian Busuttil.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fil-5 ta' Gunju, 2004 ghall-habta tad-9 ta' filghodu l-attrici kienet sejra lejn il-karozza taghha li kienet ipparkjata fi Triq San Nikola, tas-Sliema u kif nizlet mill-bankina ghal got-triq, kien hemm hofra u lwiet saqajha u b'rizultat ta' dan hija wegghet l-ghaksa ta' saqajha l-leminija. Dak il-hin kien gej huha Ian Busuttil u hadha l-isptar fejn ghamlulha l-gibs u damet sitt gimghat b'*ankle brace* u sitt gimghat tiehu kors ta' fizjoterapija izda xorta baqghet izzappap. L-ispejjez minnha nkorsi sabiex iddewwi lilha nnifisha telghu ghal disghin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm90.55c) kif jirrizulta mill-prospett a fol 21 u d-dokumenti mehmuza a fol 14 sa fol 23 tal-process.

Dwar ir-responsabbilta' ghandu jinghad illi l-Kunsill Lokali tas-Sliema huwa obbligat li jzomm it-toroq u l-bankini f'tas-Sliema fi stat tajjeb ta' riparazzjoni f'kull hin u f'kull mument meta dawn ikunu toroq u bankini jaqghu taht ir-responsabbilta' tieghu kif jirrizulta li huwa f'dan il-kaz. Triq San Nikola fejn gara l-incident m'hijiex triq arterjali izda hija *side road* gol-qalba f'tas-Sliema.

Mix-xhieda ta' l-attrici w anke mir-ritratti esebiti jirrizulta li fil-fatt kemm il-bankina kif ukoll it-triq huma fi stat hazin ta' manutenzjoni u forsi huwa sorprendenti illi m'hemmx aktar incidenti simili bhal dak mertu tal-kawza odjerna. L-attrici anki xehdet illi wara l-incident hija baqghet tippersisti mal-Kunsill biex jirrangaw it-toqba li kien hemm fit-triq u fil-fatt dan il-Kunsill injora t-talba taghha u kellu jkun habib taghha li ghamel ir-riparazzjonijiet – riparazzjonijiet li strettament kienu a karigu tal-Kunsill u mhux ta' xi habib.

Wiehed ma jistax jifhem kif ghall-Kunsill dehru biss l-avukati tieghu u qatt ma deher xi rapprezentant, segretarju jew membru ta’ l-istess Kunsill waqt l-andament ta’ dawn il-proceduri. Dan l-atteggjament huwa sintomatiku ta’ l-atteggjament li jirrizulta li l-Kunsill ha lejn l-ilment ta’ l-attrici.

It-Tribunal m’ghandu l-ebda ezitazzjoni ta’ xejn biex jikkonkludi li l-Kunsill huwa unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni billi ma zammx it-triq fi stat tajjeb ta’ riparazzjoni u b’hekk holoq periklu ghall-*pedestrians*.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni dawn jinsabu debitament ippruvati kemm mix-xhieda kif ukoll mid-dokumenti korroborattivi esebiti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jsib lill-Kunsill Lokali unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u konsegwentement jikkundannah sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta’ disghin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm90.55c) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet b’effett mit-8 t’April, 2005 (data tan-notifika ta’ l-Avviz).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------